**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-21 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 13 ta' April 2016 fis-6.15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci (6.20pm) |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skuzat Kunsillier** | Mark Azzopardi |

**21/01** **Talba**

**21/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba.

**21/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 20**

**21/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 20.

Is-Sur Mario Gauci daħal għal-laqgħa fis-6.20pm.

**21/03** **Punti mtella' mill-Minuti 20**

**21/03/01** **Para 20/03/01:** Għandu jkun hemm preżenti l-Kunsilliera u r-residenti ta' Triq San Ġwann u Triq San Bartilemew qabel ma jitwaħħlu l-bollards.

**21/03/02** **Para 20/03/02:** Wasal iċ-ċertificat tal-Perit fuq xogħlijiet li saru fi Triq Fra Dumink. Għandu jsir xi kjarifikazzjonijiet mal-Perit fuqu.

**21/03/03** **Para 20/03/03:** Is-Sur Carl Grech għandu jiltaqa' mal-kuntattur tal-knis biex jiġu ndirizzati xi nuqqasijiet.

**21/03/04** **Para 20/03/04:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-ARMS rigward l-arloġġi tal-Kunsill u tas-Searchlight Battery.

**21/03/05** **Para 20/03/05:** Il-Kunsill innota li ntbagħtet il-PO biex issir Bus Bay fi Triq 31 ta' Marzu.

**21/03/06** **Para 20/005/01:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret is-site visit fi Triq Fidel Zarb. Is-Sur Mark Azzopardi għandu jagħmel kuntatt mar-resident.

**21/03/07** **Para 20/06/03:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi Sindku ser jattendi għal-laqgħat tas-Sindki u Viċi Sindki fis-6 u s-7 ta' Mejju 2016. Is-Sindku ma jistax jattendi minnhabba li ser jkun l-attivita kulturali fl-istess granet.

**21/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**21/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li għall-pagament Numru 12, jiġi mħallas ammont ta' 200 Ewro sakemm jiġi vverifikat mal-ARMS. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-kumplament tal-pagamenti. Ġie deċiż ukoll li jitħallsu l-pagamenti lil Correct Termination ta' 1003.00 Ewro, peress li hemm konferma li dan ser jiġi reimbursed mid-DLG. Kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati l-lista tal-Petty Cash.

**21/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**21/05/01** 18116063243645 – Talba biex Triq Dun Karm Vella tiġi One Way. Il-Kunsill innota li TM kienet approvat li din it-triq tiġi One Way bil-kontra ta' kif ġie mitlub mir-resident. Gie deċiż li ma jsir xejn aktar.

**21/05/02** 18116014243834 – Ġie innutat ilment rigward l-istat ħażin li qegħdin il-Victoria Lines. Dan l-ilment għandu jiġi riferut lill-Works Division.

**21/05/03** 18116040243837 – Talba biex isiru double yellow lines fi Triq San Ġwann. Ġie innutat li diġà hemm bankina fejn ġie mitlub id-double yellow line.

**21/05/04** 18116033243839 – Talba biex jitneħħew siġar fi Triq tax-Xwieki. Wara diskussjoni, ġie deċiż li dawn ma jitneħħewx.

**21/06** ***Korrispondenza***

**21/06/01** Ġie innutat l-approvazzjoni mit-TM biex issir Bus Bay fi Triq 31 ta' Marzu.

**21/06/02** Ġie innutat Memo 10/2016 fuq il-format li għandu juża l-Kunsill fl-Agenda, Minuti u Skedi ta' Pagamenti.

**21/06/03** Ġiet innutata Cirkolari 20/2016 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki fis-6 u s-7 ta' Mejju 2016. Għandu jattendi s-Sur Mario Gauci.

**21/06/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**21/06/05** Kien hemm diskussjoni rigward proposta tal-immanniġġjar tal-parkeġġ fi Triq Ġużeppi Cali. Gie deċiż li ma jsir xejn.

**21/06/06** Kien hemm qbil għal No Objection għall-applikazzjoni għal reserved parking fi Triq Stiefnu Zerafa

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/06/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA rigward pavimentar f'numru ta' toroq fil-Village Core. Il-Kunsill innota li hu qatt ma kien approva li jsir dan ix-xoghol ghaliex ma jaqbilx li sqaqin li huma diġà pavimenti jerrghu jinqalghu u l-anqas li fil-Pjazza jinqala t-tarmak.

**21/06/08** Kien hemm diskussjoni fuq l-pjanta ta' Gnien ta' Żagħruna. Ġie deċiż li terġa' tintbagħat lill-Perit u jintalab jissottometti disinn li jkun jinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-MCCA.

**21/06/09** Ġie innutata korrispondenza mill-PA rigward tibdil fl-alignment f'sit fi Triq Caravaggio.

**21/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**21/07/01** Is-Sur Giljan Aquilna tkellem fuq:

**07/01/0 1** It-tinda li ntramat f'sit privata fi Triq Għaxqet l-Għajn u li dwarha dahlu hafna ilmenti. Ghalkemm jidher li min ghamel din it-tinda kien staqsa lill-Kunsill dwar attivita' f'ghalqa privata l-Agent S.E. ghandu jiċċekkja jekk kienx hemm bżonn il-permess tal-Pulizija.

**07/01/02** Kien hemm qbil li tintbagħat ittra tal-awgurju lill-Għaqda tan-Nar għas-suċċessi tagħhom u lil Għargħur FC għall-promozzjoni.

**07/01/03** Talba mill-Mużew tal-Għargħur biex jintuża Ġnien il-Paċi biex jagħmlu serata ta' talb. Kien hemm qbil fuq din.

**07/01/0 4** Kien hemm qbil unanimu biex is-Sala tal-Kunsill tintuża għall-wirja ta' pitturi.

**07/01/05** Kien hemm qbil ukoll biex is-shelter jintuża minn hanut Cent Anni ghall-attivitàjiet fix-xhur li gejjin. Cent'Anni ghandu jintalab jibda jhallas il-kont tad-dawl u l-Agent S.E. ghandu jaghmel ftehim bil-miktub li jkun juri li l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli ghal dak li jista jinqala waqt dawn l-attivitajiet.

**21/07/02** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq:

**07/02/0 1** Il-Kappillan ntalab mill-PA biex għandu jagħmel tajjeb għal 10 siġriet peress li ser jaqla siġra miċ-ċimiterju. Gie deċiż li nitkellmu aktar mal-Kapillan dwar dan.

**07/02/02** Rigward l-attività Għargħur mal-Medda taż-żmien, is-Sur Fenech informa lill-Kunsill li ser ikun hemm żewġ palks, kant, dramm, ikel tradizzjonali u re-enactment. Il-prezentaturi ser ikunu Joseph Borg u Carmen Grech. Għandhom isiru posters, billboards, paġna fuq Facebook u avviżi fil-gazetti. Għandu wkoll isir stedina biex nidhru f'programm ta' diskussjoni u għandha ssir press conference.

| | |
|---|---|
| **07/02/03** | Kien hemm qbil li nitolbu li B Grima & Sons għall-kwotazzjoni biex isir manutenzjoni fuq bankijiet fi Ġnien tal-Ponta. |

| | |
|---|---|
| **07/02/04** | Il-Vici Sindku fakkar lill-Agent S.E. sabiex jiehu hsieb johrog l-FS 3's lill-haddiema u lil Kunsillieri kif ukoll ikellem lill-Accountant dwar il-Management Accounts ghall-ewwel 3 xhur tas-sena. |
| **07/02/05** | Kien hemm qbil biex tintalab kwotazzjoni biex jiġi rranġat t-tapit taħt il-Play Equipment fi Ġnien il-Paċi. |

**21/08** **Aġġornament**

**21/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar t-Tlieta, 3 ta' Mejju 2016 fis-6.00 p.m.

**Giljan Aquilina** — **Sindku**

**Kurt Guillaumier** — **Aġent Segretarju Eżekuttiv**